# Il-Lixandrina

*Ta'* Ġ. Cassar Pullicino

DAK in-nhar li ma nfetaħx il-ħanut tal-Lixandrina waqgħet bħal ħemda fuq dik in-naħa tax-Xatt. Barklori, nies tal-faħam, burdnara u xerrejja kienu nġemgħu jitħaddtu qtajja' qtajja' u ma kontx tisma' ħlief "miskina" minn hawn u "miskina" minn hemm. Għax kulħadd kien jafha l-Lixandrina. Kienet issajjar u taqli, issajjar tajjeb u bl-irħis, u qatra nbid taħraq (għax ikunu xeħtu xi sold tar-ram f'qiegħ il-bettija) dejjem issibilha. Barra dan, hux trid tħalli xi bixkilla, xi sorra jew xi xkora għal ħaddieħor? Biżżejjed tgħidlu lj sa tħallihielu għand il-Lixandrina, għax kollox imur ħarir; qatt ma kien naqas xejn minn għandha. Fuq kollox, ma kenitx tfittex għal sold, kienet iddejjen, basta meta jaqbdu l-flus iroddulha kulma tkun tathom. Għalhekk in-nies tax-Xatt ħafna minnhom kienu jpoġġu jieklu u jixorbu għand il-Lixandrina.

Sajf u xitwa l-ħanut kien ikun mimli bin-nies. Kienu jieklu u jixorbu u mbagħad iħollu ħżiemhom, jkebbsu l-pipa jew iqabbdu sigarru jonkella jtuha għall-"magħda" tat-tabakk, u jibdew ilabalbu. Kienu jitkellmu fuq kull xorta ta' nies u ta' ħajja; u kliemhom mhux dejjem kien ikun għaqli; imma għand il-Lixandrina l-ħait ma kellux widnu u minnhom ħadd m'hu sa jikxef wieħed lill-ieħor.

Kienu jitkellmu. Minn daqqiet kienu jkunu nies tal-faħam, wiċċhom imġemmed, ħwejjiġhom suwed u b'qalza waħda mxammra, xi wħud minnhom b'misluta tad-deheb fuq widinthom ix-xellugija, u kienu joqogħdu isemmu fuq il-ħatt tal-vapuri, kemm ilu ma jidħol wieħed bil-faħam, meta jistennew wieħed ieħor "Tal-Kaħla", kemm-il darba jkunu telgħu l-planka mal-gaj ta' bil-lejl jew ta' bin-nhar jonkella kemm kien mexa iebes magħhom l-imgħallem "taċ-ċomba". F'rokna oħra għandek mnejn kont tisma' l-burdnara tad-dqiq jitkellmu fuq id-dqiq ta' l-Awstralja, kemm sejjer tajjeb id-dqiq "ta' San Ġorġ" jew fuq ix-xogħol tal-qamħ tal-fosos, meta jaħżnuh taħt l-art. Drabi oħra jkunu nies fin-negozju tal-bhejjem, jistennew jidħol bastiment bil-barrin għas-simna, u kienu jgħidu kif malli jniżżluhom l-art minnufih jifthulhom ħalqhom u jneħħulhom is-sangisugi minn taħt

ilsienhom li jkunu daħlulhom ma' l-ilma qiegħed li xorbu mill-għadajjar ta' barra, biex jerfgħuhom fil-fliexken ħalli mbagħad iqabbduhom mal-marid meta jkollu bżonn il-fsad. Fl-aħħarnett kien ikun hemm ukoll il-barklori, igemgmu kontra l-laneċ li ħadulhom ix-xogħol u ma ħallewlhomx ħlief is-sold li jaqilgħu meta jgħabbu xi Ingliż għal fuq abbord, barklori li jiftakru sewwa meta nħaraq dak il-vapur mimli xaqaq li damu żmien ibigħu minnha l-bejjiegħa tal-ħwejjeġ, barklori li min jaf kemm-il darba kienu telgħu għall-ġostra u jafu jgħidulek fuq it-tiġrijiet tad-dgħajjes ta' nhar il-Vitorja, kif ta' l-Isla jkunu mpikati ma' ta' Bormla u kif darba rebħuha ta' Marsamxett, u ġarrew id-dgħajsa fuq l-idejn minn fejn id-dwana sa ħdejn il-laneċ ta' Tas-Sliema. U fost dan it-taħdit kollu kont tisma' wkoll xi wieħed iżerżaq xi waħda ħoxna għal xejn b'xejn li l-oħrajn lanqas biss jagħtu kasha, bħalma lanqas biss kienu jintebħu li fuq wiċċhom kien ikollhom leħja tniggeż ta' ġimgħa.

Fuq dan kollu kienet issaltan, minn wara l-bank, il-Lixandrina. Allaħares min idendel kusu magħha! Kellha lsienha jaqta' daqs sikkina, u kienet taf tniggeż u tweġġa'. Ma trid xejn tgħaddilek pedina ħażina ma' l-imgħallma tax-Xatt u tista' tgħid li n-nies kienu jmorru għandha iktar għax jibżgħu minnha biex ma jiksruhiex magħha milli għal ħaġa oħra. B'danakollu, ma kenitx taraha hi kbira tixrob meta joffrulha. Bħan-nisa kollha kienet tħobb il-frugħa u dejjem tiftaħar bit-tagħmira deheb, molol, lahar, ġiżirani, imsielet u parbazzali li kellha. Imma l-aktar li kienet tinfexx fix-xorb.

Fix-xorb! Min jaf kemm-il darba, wara li jkun tbattal il-ħanut, kienet tibqa' tixrob sa kemm titlaħlaħ sewwa u tibda tgħid il-ħmerijiet lilha nfisha. Daqqiet kienet tgeġweġ xi ħaġa li ma tiftiehemx—kliem maħlul bla ebda rabta li minnu ma tista' taqbad xejn ħlief xi kelma 'l hawn u 'l hinn. Imma kelma waħda kienet dejjem tiftiehem sewwa: kienet "Lixandra". U minn hekk kont tintebah li t-thewdin tagħha kien ikollu x'jaqsam mal-ħajja ta' żgħożitha ġo l-art tal-Farawni u ta' Cleopatra... tifkiriet ta' ħajja mitluqa u bla ħajr......

Kienet żagħżugħa, f'saħħitha u mibruma. Minn ċkunitha tiftakarha bla missier u bla omm: l-ewwel ma kienet ma' waħda taqra l-vintura, tindieħes maż-żgħażagħ xebbiet fl-iswieq u fl-imsieraħ biex taqralhom xortihom mis-singi tal-pala ta' idejhom.

Wara daħlet taħsel ma' mara tikri l-kmamar u wara din, ingħaqdet ma' troppa ta' żeffiena fil-ħwienet tax-xorb. Kienet ħajja ħiergħa; iċ-ċapċip malajr kien jintefa', it-tbissim ħelu malajr kien jispiċċa u l-ilbies ileqqex jitnenħa minn fuqha... imma b'danakollu qatt ma riedet titlaq dik il-ħajja. Mhux hekk biss, wara żmien imteigħet f'ħanut baxx fil-kwartier tal-Għarab, fejn kien isir kuntrabandu kbir li jħalli flus ħafna u donnu ma jinqabad qatt. Kienu fuq kollox jinneguzjaw fit-traffku tal-"ħaxix", dak il-loppju li jgħawwar is-saħħa ta' bosta eluf u li kien jinxtara bil-beliħnejjes. Hi sabet ruħha tgħin f'dan il-kuntrabandu! Tistagħġeb kif xi drabi jirnexxilhom igħaddu l-ħaxix u jidħlu bil-puliżija: daqqiet kienet tkun mara mittiehma magħhom li tinżżlilhom l-istoċċijiet bil-loppju minn abbord, moħbijin ġox-xagħar ta rasha, drabi oħra d-drogi kienu jidħlu moħbijin fil-vojt tal-buttuni ma' l-ilbies li jinġieb minn barra. M'hemmx mod li ma nqdewx bih għall-kuntrabandu: stoċċijiet moħbija ġol-qasab talbambù tal-għamara, jew fil-bieba tal-ħobż jonkella ġo l-inforor tal-ġlekkijiet. U kull darba kienu jaqsmu l-qligħ u hi kienet tieħu sehemha. Imma darba fettlilhom jidħlu għal kemxa kbira: ftehmu ma' wieħed sewwieq ta' l-iġmla u fethu l-istonku talbhejjem li fihom il-ġemel jaħżen l-ilma għal meta jkun fid-deżert u mlewhom bl-istoċċijiet tal-loppju biex hekk jaqsmu l-fruntiera. Imma fallielhom. U nqabdu l-iġmla u sidhom stqarr kollox. Il-pulizija daħlu għal għarrieda fil-ħanut u ġabru lil kull min sabu... Hi kienet ħelsitha għax ma kenitx hemm. Damet tiġri għal żmien bil-lejl biss biex ma jagħirfuhiex u wara ħafna, la taf kif u lanqas x'fatta, sabet ruħha Malta fejn bil-flus li kien fadlilha setgħet tibda ħajja ġdida, tieħu dak id-daqsxejn ta' ħanut tal-qali u taqbad ħafna nies parruċċani.

Din kienet ħajjitha fil-qosor. Imma minn dan kollu qatt ma kienet tgħid xejn il-Lixandrina. In-nies kienu jafu biss xi ftit mit-tliewdin tagħha, li kien bħal diwi tat-taqbida ġewwenija li tkun sejra ġo fiha... Għax il-ġrajjiet tal-lum dejjem kienu jridu jnessu l-imgħoddi, imma l-imgħoddi dejjem kien jirbaħ u jaħkem bis-setgħa kerha tax-xorb li tiegħu kienet waqgħet ilsira f'żgħożitha mħabba ċirkostanzi li ma kenitx taħtihom hi... Kienet sewwa sew f'waħda minn dawn is-sakriet tagħha li l-Lixandrina, mitlufa minn sensiha, ħarġet tixxengel bħal darbi oħra, millħanut, issemma' daqqa Għarbija li ġietha f'moħħha dak il-ħin,

u waqgħet il-baħar fejn għabet taħt il-mewġiet sewdiena ta' l-ilmijiet......

Għalhekk ma kienx infetaħ bħas-soltu l-bieb tal-ħanut tagħha f'dik il-għodwa. Għalhekk ukoll instemgħu l-faħħama u l-barklori jgħidulha "miskina". Għax tassew miskina kienet il-Lixandrina.